



Brussell, 9 ta' April 2021
(OR. en, pl)

7586/21
ADD 1

Fajl Interistituzzjonal:
2018/0230(COD)

CODEC 493
JEUN 30
EDUC 112
EMPL 125
SOC 180
SPORT 16
COHAFA 21
PROCIV 36
COMPET 231
ECOFIN 316
CADREFIN 164

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	<p>Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabilixxi l-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1475 u (UE) Nru 375/2014 (I-ewwel qari)</p> <p>- Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill</p> <p>= Dikjarazzjonijiet</p>

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. L-Ungerija tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Ungerija f'konformità mal-istumenti tad-drittijiet tal-bniedem li huma vinkolanti fuq livell internazzjonali u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Ungerija tinterpretar l-kunċett ta' "ġeneru" fit-test tar-Regolament bħala referenza għas-sess.

Dikjarazzjoni mill-Polonja

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, fil-każ ta' espressjonijiet li fihom it-terminu "ġeneru", il-Polonja ser tinterpretah f'termini ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea tieħu nota tal-proposta tal-Parlament Ewropew biex tqis "l-għadd ta' atturi lokali li japplikaw l-għarfien, il-prinċipji u l-aproċċi miksuba permezz tal-attivitajiet umanitarji li fihom ipparteċipaw il-voluntier u l-experti" meta tkun qed tissupplimenta r-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.
